MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 147/2006

Grace Attard

Vs

L-avukat Dottor Georgine Grech li b'digriet tat-13 ta' Frar 2007 giet nominata kuratur deputat sabiex tirraprezenta lill-assenti Carmen Portelli, Matthew Sultana u Ester Sciberras u l-avukat Dr. Mario Scerri li b'digriet tat-13 ta' Frar 2007 gie nominat sabiex jirraprezenta lill-assenti Joe Sultana

Il-Qorti,

**Legat – Artikolu 845 tal-Kodici Civili – Preskrizzjoni jew dekadenza ?**

Rat ir-rikors guramentat prezentat mill-attrici fil-21 ta' Dicembru 2006 u li permezz tieghu qeghda titlob il-qasma

tal-assi ereditarji tal-genituri tal-kontendenti, Elena mart Salvu Sultana li mietet fil-25 ta’ Mejju 1984 u Salvu Sultana li miet fit-18 ta’ Settembru 1984. L-attrici qeghda wkoll titlob dikjarazzjoni fis-sens li l-legati li saru mill-konjugi Sultana fit-testment *unica charta* tal-5 ta’ Dicembru 1975 favur il-konvenuti Carmen Portelli, Ester Sciberras u Joe Sultana [ara talbiet numru hamsa (5) u sitta (6)] *“iddekadew stante illi ma saritx immissjoni fil-pussess kif titlob il-ligi”* u ghalhekk qeghda tippretendi li dawn l-assi ghandhom jigu nkluzi bhala parti mill-patrimonju tat-testaturi fl-ezercizzju tal-qasma li trid issir bejn il-kontendenti.

Min-naha ta’ Dr. Georgine Grech nomine pprezentat risposta guramentata fil-21 ta’ Marzu 2007 (fol. 19) u eccepiet li d-dikjarazzjonijiet mitluba fil-hames u s-sitt talbiet tar-rikors fir-rigward tal-legati istitwiti qed jigu opposti ghaliex ghalkemm qatt ma saret immissjoni fil-pussess tal-legati b’mod formali wara l-mewt tal-genituri taghhom, il-legatarji kienu fi kwalunkwe kaz fil-pussess tal-beni hemm imhollija lilhom b’legat.

Min-naha ta’ Dr. Mario Scerri nomine pprezenta risposta guramentata fid-9 ta’ April 2007 u ddikjara li dwar il-legat jew legati imhollija lil Joe Sultana bit-testment tal-5 ta’ Dicembru 1975, fl-atti tan-Nutar Giuseppe Cauchi, dawn ghadhom validi a kuntrarju ta’ dak li gie ddikjarat mill-atturi, m’hemm l-ebda dekadenza, u l-konvenut qieghed izomm fermi d-drittijiet li ghandu ghal legat.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta’ April 2008 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq il-hames u sitt talba tal-attrici u dwar it-tielet eccezzjoni ta’ Dr. Georgine Grech nomine u t-tieni eccezzjoni ta’ Dr. Mario Scerri nomine.

Ikkunsidrat:-

1. B’din is-sentenza preliminari ser jigi deciz jekk il-konvenuti Carmen Portelli, Joe Sultana, u Ester Sciberras tilfux id-dritt taghhom ghal legati mhollija lilhom mill-genituri taghhom Salvu u Elena konjugi Sultana minhabba dak li jipprovdi l-Artikolu 845 tal-Kodici Civili (Kap. 16):-

**845.** (1) L-azzjoni biex jintalab wirt, jew legat, jew is-sehem riżervat, sew fis-suċċessjonijiet b’testment kemm ukoll f’dawk *ab intestato*, tispiċċa bl-egħluq ta’ għaxar snin mill-ftuħ tas-suċċessjoni.

(2) Iżda, għall-minuri, jew għall-interdetti, l-azzjoni fuq imsemmija ma tispiċċax ħlief egħluq sena minn dak in-nhar li huma jsiru ta’ l-età, jew li l-interdizzjoni tispiċċa, kif ikun il-każ.

Skond l-Artikolu 726 tal-Kodici Civili (Kap. 16):-

**726.** (1) Il-legatarju għandu jitlob lill-werriet il-pussess tal-ħaġa imħollija legat.

(2) Fil-każ ta’ beni immobbli l-legatarju jista’ jitlob li l-għoti ta’ dak il-pussess isir permezz ta’ att pubbliku.

(3) Kemm-il darba t-testatur ma jkunx iddispona xort’oħra, l-ispejjeż li jkollhom x’jaqsmu ma’ l-att għandhom jitħallsu mil-legatarju.

2. Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti:-

(a) Il-kontendenti huma wlied Salvu u Elena konjugi Sultana.

(b) Salvu Sultana miet fit-18 ta’ Settembru 1984 (fol. 10) filwaqt li Elena Sultana mietet fil-25 ta’ Mejju 1984 (fol. 5).

(c) Is-successjoni tal-konjugi Sultana hi regolata minn testment li sar fil-5 ta’ Dicembru 1975 fl-atti tan-nutar Dr. Giuseppe Cauchi (fol. 6-9). Id-disposizzjonijiet testamentarji jinkludu legati li thallew lil Carmen Portelli, Joe Sultana, Matthew Sultana u Ester Sciberras.

(d) L-attrici qeghda ssostni li Carmen Portelli, Joe Sultana u Ester Sciberras tilfu l-jedd taghhom ghal legati ghaliex ma saritx l-immissjoni fil-pussess bil-mod li titlob il-ligi, u ghalhekk dawn l-immobbli ghandhom jigu wkoll nkluzi parti mill-gid li jrid jinqasam bejn il-werrieta ta' Salvu u Elena konjugi Sultana.

3. L-argument kollu tal-attrici hu bazat fuq it-tezi li t-terminu ta' ghaxar (10) snin biex jintalab legat hu perjodu ta' **dekadenza**. Peress li ghadda dan it-terminu u l-konvenuti naqsu milli jitolbu l-legat, l-attrici qeghda tippretendi li l-immobbli li thallew b'legati lil Carmen Sciberras, Ester Sciberras u Joseph Sultana ghandhom jibqghu jifformaw parti mill-patrimonju ereditarju tal-genituri taghhom u li jrid jinqasam bejniethom.

4. Il-legati li dwarhom tittratta din is-sentenza huma s-segwenti:-

(a) **Carmela Portelli**:- porzjon art Triq Marsalforn, Xaghra (ara Tielet Artikolu – fol. 7).

(b) **Ester Sultana**:- porzjon art Triq Marsalforn, Xahgra (ara Raba' Artikolu – fol. 7 u 8).

(c) **Joe Sultana**:- fond 101, Triq Marsalforn, Xaghra, Ghawdex (ara Sitt Artikolu – fol. 8).

L-attrici xehedet[1] li tiehu hsieb *"ir-raba' kollha li semmejt kif ukoll il-fond msemmija hawn fuq u dan ilni naghmlu mill-1992 meta jiena gbart ic-cavetta tal-post deskritt fil-paragrafu sitta minghand il-gara…. Huti jinsabu lkoll msiefra u rari jigu Malta"* (fol. 33). Il-proprjeta' tinkludi l-fond 101, Triq Marsalforn, Xaghra u l-bictejn art li thallew b'legat u li jinsabu fuq kull naha tal-fond numru 96, Triq Marsalforn, Xaghra. Rilevanti wkoll hi x-xhieda ta' zewgha Roman Attard (seduta tas-6 ta' Lulju 2007) li spjega li:-

[1] Affidavit 28 ta' Mejju 2007.

(a) Hu u martu rritornaw ighixu f'Ghawdex mis-sena 2000, ghalkemm mill-1992 kienu ta' spiss iqattghu xi xhur f'Ghawdex;

(b) Fl-1992 martu inghatat ic-cavetta tal-fond 101, Triq Marsalforn, Xaghra. Dan il-post jiehdu hsiebu fis-sens li *"innadfuh u naghmlu manutenzjoni tieghu"* (fol. 74).

(c) *"Ahna ma' Guzeppi Sultana qeghdin close hafna u nzommuh mgharraf illi kollox sew fil-post li messu numru 101, Triq Marsalforn, Xaghra"* (fol. 75). Kompla jghid li *"**il-mara m'hix qed tippretendi li l-post 101 hu taghha**. Hi li qeghda tippretendi hu li kif hutha messhom legat hi ghandha tiehu xi haga"* (enfazi tal-Qorti – fol. 75).

(d) Hadd ma jaghmel uzu miz-zewg porzjonijiet art li missew b'legat lil Carmen Portelli u Ester Sciberras, *"kull m'hemm huma zkuk tal-bajtar"*. Fil-fatt dan hu konfermat mir-ritratti (fol. 141-143) ezebiti mill-attrici waqt is-seduta tas-6 ta' Marzu 2008. L-attrici stess spjegat li *"Biex tidhol fl-ghelieqi tal-Barbarella u tas-Salib m'hemmx fetha; trid taqbez ic-cint. Jien m'hemmx skop illi noqghod nidhol hemmhekk f'tal-Barbarella u tas-Salib, tant hemm bajtar f'xulxin u xewk u ghollieq illi m'hemmx xi tmur taghmel; lanqas ma tista' timxi. Il-proprjeta' kienet tintuza biss biex fi zmien illi l-genituri kienu ghadhom hajjin konna naqtghu l-weraq ghaliex ahna konna bil-bhejjem"* (fol. 92).

(e) Kien hemm okkazzjoni meta ggarraf parti mill-hajt tal-ghalqa li thalliet b'legat lil Carmen Portelli; *"….niftakar li kienet giet turista thabtilna d-dar, Ingliza, u qaltilna li kien ggarraf parti minn dan il-hajt. Il-mara kienet pronta, cemplet lil ohtha, Carmen. Dan m'ilux sentejn. **U dan biex ohtha tiehu hsieb tirranga l-hajt**"* (enfazi tal-Qorti - fol. 75). Min-naha tal-konvenuta ressqet bhala xhud lil Carmel Portelli (seduta 19 ta' Ottubru 2007 – fol. 94) li fil-fatt ikkonferma li kkomunikat mieghu Carmen Portelli u talbitu jmur fl-art ghaliex kien hemm hajt tas-sejjiegh li kien fi stat perikoluz. Ikkonferma li mar fuq il-post u *"jiena personalment irrangajt il-hajt. It-tiswija ghamiltha jien, hadt ukoll ir-ragel t'ohti biex itini daqqa t'id.*

*Nikkonferma li waqt li konna qeghdin naghmlu x-xoghol Grace u zewgha gew fuq il-post"*.

5. Wiehed japprezza li d-distinzjoni bejn il-preskrizzjoni u d-dekadenza hi kunsidrata bhala materja sottili. Il-preskrizzjoni hija mod ta' **akkwist ta' jedd** (akkwizittiva fejn il-fattur predominanti hu l-pussess) u **mezz ta' helsien minn azzjoni** (estintiva fejn il-fattur predominanti hi l-inattivita' tal-kreditur). Fil-kawza **Gio Maria Cauchi vs Luigi Grima et** deciza fil-21 ta' Gunju 1923[2] il-Prim'Awla tal-Qorti Civili osservat:

*"Invero quanto al contenuto giuridico della prescrizione in diritto si ritiene che la prescrizione e' la* ***<u>conversione</u> in uno stato giuridico di uno stato di fatto, sempre difforme dal diritto, spesso anzi lesivo di esso****, solo perche' si e' mantenuto tale per tutto il tempo stabilito dalla legge. Nella decadenza invece non si ha la conversione di uno stato di fatto difforme dal diritto in uno stato giuridico, da che essa non presuppone uno stato di fatto che sia in contravvenzione coll'ordinamento giuridico,* ***ma solo presuppone che lo stato di fatto esistente potra' essere impugnato, potra' anche essere radicalmente sovvertito, se nel termine e nei modi stabiliti dalla legge viene esplicata l'attivita' che ha per iscopo di alterarlo****, e quindi la decadenza lungi dal produrre la conversione di un tale stato di fatto che e' perfettamente giuridico, lo convalida e lo rende immune da ogni impugnativa"*. Fil-fehma tal-Qorti applikat dan il-principju, jidher li l-Artiklu 845 hu kaz ta' preskrizzjoni. L-awtur Giorgi jispjega, *"se guardiamo all scienza essa ci dira' che* ***la prescrizione colpisce sempre direttamente l'azione****, di modo che la morte del diritto per prescrizione addiviene in modo indiretto* ***la decadenza colpisce direttamente il diritto****"* (*Teoria delle Obbligazioni*, Vol. VIII par. 225 pag. 366 et seq). F'dan il-kuntest l-kelma li tintuza fl-Artikolu 845 hi *"**L-azzjoni**…… tispicca bl-eghluq ta' ghaxar snin mill-ftuh tas-successjoni"* fit-test ingliz *"**The action**….. shall lapse on the expiration of ten years from the day of the opening of the succession"*. Inoltre, il-fatt li

[2] Vol. XXV.ii.391.

f'dan il-provvediment jinghad li l-azzjoni **"tispicca"** (fit-test Ingliz *'lapse'*) u wara m'hemmx il-kelma preskrizzjoni (fit-test Ingliz 'barred') ma jfissirx b'daqshekk li l-perjodu ta' ghaxar (10) snin hu ta' dekadenza. Fid-disposizzjonijiet taht l-istitut tal-preskrizzjoni l-kelma li tintuza hija **"jaqghu"** (fit-test Ingliz 'lapse'). Dan apparti l-fatt li fin-nota marginali jinghad *"**Preskrizzjoni** ta' l-azzjoni ghat-talba ta' wirt, ecc"* u fih innifsu dan hu sinifikattiv ukoll.

Mir-ricerka li ghamlet il-Qorti jirrizulta li l-Artikolu 845 tal-Kodici Civili (Kap. 16) kien diga' ligi f'Malta meta permezz ta' Bandu tal-1 ta' Marzu 1787, iz-zmien ta' tletin sena gie ridott ghal ghaxar (10) snin. Dak il-provvediment kien jaqra: *"che le azioni pe domandare in tutto o in parte una eredita', un legato o legittima debbano durare per un solo decennio, quale trascorso si abbiano per onninamente prescritte ed estinte, senza potersi allegare scusa di assenza, di ignoranza, o di legittimo impedimento ad agire"*. Fis-sentenza **Sac. Axisa vs Debono** deciza fit-28 ta' Frar 1895 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili jinghad: *"E quella prescrizione stabilita coll'Art. 547 della Ord. VII del 1868, come altre simili prescrizioni stabilite con leggi anteriori, riguardano le azioni che si propongono per domandare una eredita' od un parte di essa; e non gia' le altre, quale e' quella proposta dall'attore, avente per iscopo la divisione di una eredita' gia' adita, da cie ne domanda la divisione. Ved. Bando del 1o marzo 1787"*[3]. Disposizzjoni li ma gietx mehuda minn ligi kontinentali u li giet inkluza fl-Art. 243 tal-Ordinanza numru IV tal-1864, u mbaghad fl-art. 547 tal-Ordinanza Nru. VII tal-1868, u mbaghad Art. 885 tal-Kodici Civili rivedut. F'sentenza li nghatat mill-Qorti ta' l-Appell fit-2 ta' Dicembru 1910 fil-kawza fl-ismijiet **Amadeo Farrugia vs Maria Attard ed altri**[4], jinghad hekk: *"il bando del 1mo marzo 1787, da cui fu tratta la disposizione dell'articolo 547 dell'Ordinanza VII del 1868, riducendo il termine per domandare l'eredita' ed il legato da 30 a 10 anni, aveva per oggetto di impedire, dopo quel termine, le liti promosse contro persone le quali, per motivo di un lungo e pacifico possesso,*

---

[3] Vol. XV.72.
[4] Vol. XXI.i.267.

*avessero giusto motivo di reputarsi legittimi possessori dell'asse ereditario; e quindi la disposizione contenutavi non puo' giovare se non a colui che avesse posseduto l'asso animo domini, come spettante a lui esclusivamente; per cui non solo il detentore precario, ma ne anche il suo erede puo' prescrivere, trasmettendosi il vizio della precarieta' all'erede".* F'dan is-sens hi l-interpretazzjoni li baqghet tinghata mill-gurisprudenza matul is-snin. Hekk per ezempju fil-kawza **Elena Bonello vs Carmela Bruno Olivier et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Ottubru 1937[5] gie osservat: *"Il-Qorti ta' l-Appell bis-sentenza taghha tat-8 ta' Ottubru 1924 fil-kawza "Mallia Tabone vs Mallia Tabone et", qalet li dak l-artikolu tal-ligi jistabilixxi preskrizzjoni sui generis u mhux dekadenza, li dik il-preskrizzjoni ija akkwizittiva…..".* F'sentenza fl-ismijiet **Luigi Pace Balzan ed altri vs Giovanni Pace Balzan ed altri** deciza mill-Prim'Awla fil-5 ta' Ottubru 1886 (Vol. XI.162)[6] dwar dan il-provvediment jinghad li *"Che la prescrizione allegata in questo caso ha per iscopo lo acquisto di proprieta' di beni immobili e delle quote in questione, mediante l'allegato possesso per un decennio"* (ara wkoll **Giuseppe Ellul et vs Antonia Fenech et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Jannar 1951[7]; **Stella Briffa et vs Caterina Scicluna et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Jannar 1954[8]; **Saverio Ellul Bonnici vs Wisq Nobbli Markiz Paolo Apap Bologna et noe** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Mejju 1957[9]; **Pietru Grixti vs Caterina Mallia et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[10] fl-4 ta' Ottubru 1995; **Albert Camilleri vs John Camilleri et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[11] fil-5 ta' Ottubru 1995; **Rev.**

---

5 Vol. XXIX.ii.249.
6 Konfermata fl-Appell fis-16 ta' Frar 1887.
7 Vol. XXXV.ii.337.
8 Vol.. XXXVIII.i.21 – *"l-azzjoni prevista mill-art. 885 Kodici Civili tispicca fil-kaz li ma tigix esperita fi zmien ghaxar snin mill-apertura tas-successjoni; liema preskrizzjoni, skond il-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, hija ta' natura akkwizittiva".*
9 Vol. XLI.ii.1023.
10 Imhallef A. Magri.
11 Imhallef J. Said Pullicino – *"Pussess li jrid jigi pruvat minn min jaghti l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghaliex huwa jrid jipprova mhux biss li l-azzjoni giet perenta bil-perkors taz-zmien imma wkoll illi hu bil-pussess tieghu li jrid ikollu l-elementi kollha biex jikkwalifikah bhala pussess 'uti dominus' fil-fatt akkwista l-proprieta' tramite l-istess preskrizzjoni. Preskrizzjoni decennali li tirrikjedi wkoll bhala element kostituttiv taghha l-buona fede".*

**Patri Frangisku Azzopardi nomine vs Maria Hilda sive Hilda Cauchi** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[12] fl-14 ta' Ottubru 2004). Fil-kawza **John Mallia nomine vs Elizabeth Mallia et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Jannar 1996, gie kkonfermat li l-Artikolu 845 jispecifika terminu ta' preskrizzjoni u jista' jkun hemm *"…sospensjoni jew interruzzjoni tal-istess perjodu kontemplata f'parti ohra tal-ligi civili taghna"*. Fil-kawza **Concettina Chetcuti vs Anthony Zammit et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-18 ta' Marzu 1993 rega' gie konfermat il-principju li f'kaz ta' legat *"….mhux bizzejjed illi l-legatarju jibqa' incert ghaz-zmien rikjest mil-ligi biex jitlef id-dritt ghal legat, izda hemm bzonn li l-uzurpatur ikun qieghed jippossjedi l-haga abbandunata mill-proprjetarju, u li dan ikun qed jippossjediha animo domini"*.

Wiehed irid ukoll jiftakar li l-proprjeta' tal-legat tghaddi ghand il-legatarju mal-ftuh tas-successjoni (ara f'dan is-sens **Rev. Patri Frangisku Azzopardi nomine vs Maria Hilda sive Hilda Cauchi** hawn fuq citata[13]). Din hi l-interpretazzjoni li nghatat lill-Artikolu 721(1) tal-Kodici Civili: *"Kull legat pur u semplici jaghti lill-legatarju, minn dak in-nhar tal-mewt tat-testatru, jedd li jista' jghaddi ghall-werrieta ta' l-istess legatarju, jew ghal dawk li l-jeddijiet taghhom gejjin minnu, li jircievi l-haga mhollija lilu bil-legat"*[14]. L-immissjoni trid tintalab minghand il-werrieta in kwantu l-Artikolu 836 tal-Kodici Civili (Kap. 16) jipprovdi *"Il-pussess ta' hwejjeg il-mejjet ighaddi, bis-sahha tal-ligi, b'mod ta' kontinwazzjoni, fil-werriet, sew jekk testamentarju jew legittimu, bl-obbligu li jhallas il-pizijiet kollha tal-wirt"*. F'dawn ic-cirkostanzi il-Qorti ma tifhimx kif fil-kaz ta' legat, l-Artikolu 845 jista' qatt jigi nterpretat bhala perjodu ta' dekadenza. Il-mistoqsija tigi wahedha f'kaz li wiehed jaqbel mat-tezi li dan hu perjodu ta' dekadenza:-

---

[12] Imhallef T. Mallia.

[13] *"Hu ormai materja ta' jus receptum illi, ghalkemm il-proprjeta' tal-legat tghaddi, mal-mewt tad-decujus, favur il-legatarju, il-pussess tal-legat hu trasferit lill-eredi; ghalhekk tehtieg it-talba tal-legatarju ghall-pussess tal-legat (ara sent. Kollez. Vol. XXI.p.492; XXVIII.pp. 537-543; u Vol. XXIX.i.683)"* (**Carmela Sammut vs Avukat Dr. Giuseppe Sacco nomine** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Imhallef W. Harding) fil-21 ta' Mejju 1955 – Vol. XXXIX.i.473).

[14] Ara sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Antonia Grech et vs Carmelo Farrugia et** deciza fit-18 ta' Ottubru 1960 (Vol. XLIV.ii.655).

x’jigri mill-proprjeta’ tal-oggett li jkun thalla b’legat gialadarba l-proprjeta’ tghaddi favur il-legatarju mal-ftuh tas-successsjoni ? Dan apparti l-konsiderazzjoni l-ohra li skond l-Artikolu 859 tal-Kodici Civili (Kap. 16)

> **859.** Il-jedd ta’ l-aċċettazzjoni ta’ wirt battal jispiċċa bil-preskrizzjoni egħluq tletin sena.

Jekk kif qeghda tghid l-attrici t-terminu ta’ ghaxar (10) snin li nsibu fl-Artikolu 845 hu wiehed ta’ dekadenza u ghalhekk terminu perentorju, wiehed ma jifhimx l-iskop ta’ l-Artikolu 859 tal-Kodici Civili fil-kaz ta’ wirt battal.

Konsiderazzjoni ohra hi fis-sens li *“…..l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, ghalkemm rikonoxxuta bhala mehtiega biex tassigura illi l-azzjoni tigi ezercitata entro terminu stabbilit biex id-drittijiet u l-obbligi tal-kontenenti jigu debitament accertati, kienet minnha nnifisha odjuza u kellha allura tigi applikata restrittivament.”* (Qorti ta’ l-Appell, **Noel Ellul nomine vs Avukat Dr. Joseph Zammit Mckeon nomine** deciza fit-8 ta’ Mejju 2001). Jekk dan it-tip ta’ argument japplika ghal preskrizzjoni iktar u iktar ghandu japplika meta wiehed jigi biex jikkunsidra kaz simili ghal dak odjern, cjoe’ jekk terminu huwiex ta’ preskrizzjoni jew dekadenza mehud ukoll in konsiderazzjoni tal-principji iktar iebsin li japplikaw f’kaz ta’ dekadenza.

6. Ghal dak li hu pussess ma jista’ jkun hemm l-ebda ombra ta’ dubju li l-attrici m’akkwistatx jeddijiet ta’ proprjeta’ fuq l-immobbli li thallew b’legat lil hutha permezz tal-preskrizzjoni akkwizittiva, u hu floku li jsiru s-segwenti konsiderazzjonijiet:-

(a) L-attrici m’hijiex tinvoka l-preskrizzjoni akkwizittiva. Kif rajna, l-argument ta’ l-attrici hu bazat biss fuq it-tezi li t-terminu ta’ ghaxar (10) snin u wiehed ta’ dekadenza.

(b) F’kull kaz ghal finijiet ta’ din il-preskrizzjoni hu mehtieg il-pussess. Mill-provi rrizulta li l-attrici ma kellix

pussess tal-bictejn art li thallew b'legat lil hutha l-bniet (ara wkoll kontroezami ta' l-attrici li sar fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2007 fejn tkellmet dwar dawn l-artijiet (ta' Barbella u tas-Salib fol. 92). F'dan ir-rigward il-pussess irid ikun tal-oggett li dwaru hemm il-kwistjoni u mhux ta' xi hwejjeg ohra tal-istess eredita'. Hu veru li mill-atti jirrizulta li dawn iz-zewg porzjonijiet art kienu l-mertu tar rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni (numru 44/2006 – **Lawrence Rapa et vs Grace Attard proprio et nomine et** – fol. 85). Pero' dan fih innifsu ma jfisser xejn meqjus ukoll li l-mertu kien jinkludi l-fond numru 96, Triq Marsalforn, Xaghra, Ghawdex li ma jifforma parti mill-assi ereditarji li jridu jinqasmu bejn il-werrieta.

(c) Fir-rigward tal-legat li jispetta lil Joseph Sultana, mill-provi rrizulta wkoll li l-attrici kienet u qeghda tiehu hsieb il-proprjeta' ghan-nom ta' huha li jghix barra minn Malta u certament mhux *animo domini* (ara xhieda ta' Roman Attard – seduta tas-6 ta' Lulju 2007 a fol. 74-75).

(d) Anke jekk biss ghall-grazzja ta' l-argument wiehed kellu jaccetta li l-attrici kellha xi forma ta' pussess, dan ma kienx esklussiv[15]. Tant hu hekk li l-attrici qeghda biss tippretendi li minhabba l-inattivita' tal-prelegatarji, l-immobbli li thallew b'legat ghandhom jibqghu jifformaw parti mill-patrimonju ereditarju li ghandu jinqasam bejniethom bhala werrieta tal-genituri.

7. Min-naha tal-konvenuti Carmen Portelli u Ester Sciberras qeghdin isostnu wkoll li minkejja li qatt ma saret l-immissjoni fil-pussess tal-legati b'mod formali, *"il-legatarji kienu fi kwalunkwe kaz fil-pussess tal-beni hemm imhollija lilhom b'legat. Ghalhekk l-esponenti ma tilfux id-drittjiet taghhom fuq il-proprjetajiet mertu tal-legati"*. Kif osservat

[15] *"La prescrizione dell'azione di petizione d'eredita', che e' d'indole acquisitiva, e' fondata sulla esclusivita' del possesso, per cui un possesso commune ereditario e' di ostacolo al corso di qualunque prescrizione di tale azione"* (**Carmelo Bilocca vs Giuseppe Muscat ed altri** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' April 1915 – Vol..XXII.i.263) fejn saret ukoll riferenza ghas-sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell, **Pace Balzan utrinque** deciza fis-16 ta' Frar 1887 (Vol. XI.247) u Prim'Awla, **Micallef utrinque** deciza fit-18 ta' Marzu 1887 (Vol. XIII.201).

tajjeb il-Qorti ta’ l-Appell fil-kawza **Maurice Pace Decesare**[16] **et vs Joseph Meli et** deciza fil-5 ta’ Ottubru 1998, *“zgur li l-ligi riedet illi l-legatarji, anke jekk isir effettivament proprjetarju tal-legat fil-mument tal-mewt tat-testatur, ma ghandux id-disponibilita’ shiha ta’ l-oggett lilu legat sakemm ma jigix immess fil-pussess tieghu mill-werrieta li min-naha taghhom sa dak il-mument ma jistghux jiddisponu minnu proprju ghaliex ikun thalla lil haddiehor”*. Mill-atti jirrizulta li permezz ta’ kuntratt li sar fis-6 ta’ Dicembru 2006 fl-atti tan-nutar Dr. Paul George Pisani (fol. 68-70), Carmen Portelli, Matthew Sultana u Ester Sciberras immittew lil xulxin fil-pussess tal-legati rispettivi li thallew lilhom bit-testment fuq imsemmi (fir-rigward ta’ Matthew Sultana ma saritx immissjoni ghaliex presumibilment sa dakinhar l-immobbli li thalla b’legat kien diga’ bieghu). Hu maghruf ukoll li l-immissjoni fil-pussess m’hemmx ghalfejn issir fejn ikun hemm l-assens tacitu tal-werrieta (ezempju ara sentenza fl-ismijiet **Cassar vs Hare nomine** deciza fid-19 ta’ Novembru 1923 – Vol. XXV.i.659). Il-Qorti tistqarr li fir-rigward ta’ Carmen u Ester Sciberras ma jistax jinghad li saret prova sodisfacenti li mid-data tal-mewt tal-genituri taghhom kellhom il-pussess bl-assens tacitu ta’ l-eredi l-ohra. Tant hu hekk li huma stess hassew il-htiega li jaghmlu kuntratt formali (li ffirmah ukoll Michael Sultana) ta’ immissjoni fil-pussess. Ovvjament dan ma jfissirx li l-konvenuti Carmen Portelli u Ester Sciberras gew b’xi mod ippregudikati fil-legati li thallew lilhom permezz tat-testment tal-5 ta’ Dicembru 1975 fl-atti tan-nutar Dr. Giuseppe Cauchi (fol. 6-9) in kwantu ghandhom il-proprjeta’ tal-legati rispettivi mid-data tal-ftuh tas-successjoni u ghandhom il-jedd li jesigu l-immissjoni fil-pussess b’mod formali minghand dawk il-werrieta l-ohra li sal-lum ghadhom m’ghaddewx il-pussess b’mod formali. Min-naha l-ohra ghal dak li jikkoncerna Joseph Sultana c-cwievet tal-fond li thalla lilu b’legat qeghdin ghand l-attrici u mill-provi rrizulta li ilha snin tiehu hsieb il-post ghan-nom tieghu minghajr ebda molestja min-naha tal-werrieta l-ohra. Dan sa mill-1992 (ara xhieda ta’ Roman Attard (fol. 75) ir-ragel ta’ l-attrici) u l-werrieta l-ohra ma jidhirx li qeghdin joggezzjonaw ghall-pussess

---

[16] Mhux Busuttil kif pubblikata fil-Volum ta’ decizjonijiet tal-Qrati Superjuri.

tieghu. Madankollu hu wkoll ghandu kull jedd li jitlob li l-werrieta jimmettuh fil-pussess tal-fond u kif inghad fil-kawza fuq citata **Maurice Pace Decesare vs Joseph Meli et**, *"….dan fih innifsu ma jirrendix il-pussess attwali u materjali li ghandu fuq il-fond lilu legat wiehed abbuziv jew bla titolu"*.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghdha tiddeciedi billi tilqa' t-tieni eccezzjoni ta' l-avukat Dr. Mario Scerri nomine (fol. 21) u tichad it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti Dr. Georgine Grech nomine (fol. 19) u ghar-ragunijiet moghtija tichad il-hames (5) u sitt (6) talba limitatament biss ghat-talba tal-attrici sabiex jigi dikjarat li l-konvenuti assenti Carmen Portelli, Ester Sciberras u Joe Sultana tilfu d-dritt taghhom ghal legati li thallew lilhom bit-testmen tal-5 ta' Dicembru 1975 fl-atti tan-nutar Dr. Giuseppe Cauchi.

Spejjez a karigu tal-attrici nkluzi dawk **kollha**[17] relatati mas-seduta li saret fis-6 ta' Marzu 2008 li fiha nstemghu l-konvenuti permezz ta' *video conference*, b'dan li l-ispejjez tat-tielet eccezzjoni huma a karigu ta' Dr. Georgine Grech nomine.

Il-Qorti tordna l-prosegwiment tal-kawza.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[17] Inkluz izda mhux limitat spejjez li hallsu l-konvenut lil Integrated Vision Pty Ltd.